Dan il-fuljett huwa parti minn serje miktuba minn infermiera, tobba u esperti b'esperjenza fil-kura tal-anzjani. Is-serje għandha l-għan li tagħmel il-vjaġġ tiegħek fil-kura residenzjali tal-anzjani aktar faċli. Fittex fuljetti oħra dwar mistoqsijiet li għandek tistaqsi dwar ħtiġijiet speċifiċi ta' kura. Dawn jistgħu jitniżżlu minn: **www.10questions.org.au**

Tista' ssib dawn il-fuljetti utli meta:

- Qed tfittex għal faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ta' kwalità għolja
- Qed tirrevedi l-kwalità tal-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani attwali tiegħek
- Qed tiddeċiedi bejn żewġ faċilitajiet residenzjali tal-kura tal-anzjani li jidhru simili.

Huwa importanti li fost l-impjegati jkun hemm biżżejjed infermiera rreġistrati b'ħiliet differenti biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kulħadd. Għandek tistaqsi mistoqsijiet dwar kif il-ħtiġijiet tal-kura individwali tiegħek se jintlaħqu.

Ħafna impjegati jilbsu uniformijiet simili. Sempliċement għax xi ħadd jidher qisu infermier ma jfissirx li huma hekk. Dawn huma d-differenzi:

**Infermiera Reġistrata (RN)** għamlet minimu ta' tliet snin kors ta' Bachelor of Nursing. Jistgħu jwettqu proċeduri ta' infermiera, jimmaniġġjaw medikazzjoni għall-uġigħ u jgħinu biex jipprevjenu dħul bla bżonn fl-isptar.

**Infermier Enrolled (EN)** jaħdem taħt id-direzzjoni ta' RN. It-tnejn huma rreġistrati minn korp regolatorju. Ir-reġistrazzjoni tiżgura li l-istandards professjonali jinżammu u tipproteġi lill-pubbliku.

**Assistenti tal-Infermiera (AIN) / Care Workers / Impjegati tas-Servizz tal-Kura (CSE)** jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-infermiera, u jipprovdu l-maġġoranza tal-kura f'faċilitajiet residenzjali u fil-komunità. Il-livell ta' taħriġ tagħhom huwa varjabbli.

Diċembru 2022

# HU D-DRITT TIEGĦEK LI TISTAQSI

Jekk teħtieġ parir ta' avokatura jew ta' speċjalista dwar xi suġġett li m'hux kopert f' dan il- fuljett:

**My Aged Care**
**1800 200 422**
**myagedcare.gov.au**

**Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretazzjoni (TIS)**
**131 450**

Dan il-fuljett ġie żviluppat u approvat minn:

Għal lista sħiħa ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ jekk jogħġbok żur **www.10questions.org.au**

Jekk għandek tħassib dwar il-faċilità residenzjali tal-kura tal-anzjani ikkuntattja:

1800 951 822

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

**www.agedcarequality.gov.au**

# 10 Mistoqsijiet li għandek tistaqsi

DWAR

# IL-BŻONNIJIET TAS-SAĦĦA MENTALI TIEGĦEK FIL-KURA RESIDENZJALI TAL-ANZJANI

**(MENTAL HEALTH - MALTESE)**

**www.10questions.org.au**

*Huwa d-dritt tiegħek li tirċievi kura kunfidenzjali u b'kompassjoni jekk tkun ma tiflaħx mentalment. L-iżolament soċjali u d-dipressjoni huma komuni fil-kura residenzjali tal-anzjani u għalhekk huwa importanti li l-impjegati jkunu jafu kif jieħdu ħsieb is-saħħa fiżika u mentali tiegħek.*

## 1 L-impjegati kif ser jindunaw jekk nimrad mentalment?

L-impjegati għandhom jivvalutaw il-bżonnijiet tas-saħħa fiżika u mentali tiegħek u jiktbu pjan ta' kura miegħek. Dan għandu jinkludi s-sinjali ta' twissija li juru lilek u lill-familja tiegħek li qed timrad. Huwa importanti li l-bżonnijiet tiegħek jiġu riveduti regolarment, inklużi reviżjonijiet tas-saħħa mentali u tal-medikazzjoni mill-GP u/jew mit-terapista tiegħek.

## 2 L-impjegati huma kapaċi jappoġġjaw il-ħtiġijiet tas-saħħa mentali tiegħi?

It-taħriġ tal-impjegati jista' jvarja u dawn jistgħu jinbidlu ta' spiss u għalhekk iċċekkja jekk xi impjegati humiex imħarrġa biex jappoġġjaw firxa ta' kundizzjonijiet/sintomi tas-saħħa mentali. Impjegati ġodda għandhom ikunu konxji dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa mentali ta' kuljum tiegħek u kif tirrispondi jekk tibda timrad mentalment. Ftit postijiet jimpjegaw infermiera reġistrati bi kwalifiki speċifiċi ta' saħħa mentali, allura jekk għandek bżonn kura speċjalizzata ta' infermiera iċċekkja kif ser tirċievi dan.

## 3 Kemm hemm impjegati ta' kura lejl u nhar?

Huwa importanti li jkun hemm impjegati biżżejjed biex iżżommu kemm lilek, kif ukoll lil oħrajn siguri. Il-waqgħat jistgħu jiġru ma' xi kundizzjonijiet ta' saħħa mentali u li jkun hemm impjegati biżżejjed biex iżommuk sigur huwa rekwiżit legali. Iċċekkja l-proporzjon tal-impjegati mar-residenti u fittex biex tara jekk ikunx hemm impjegati il-ħin kollu.

## 4 X'appoġġ tipprovdi għall-ħtiġijiet tas-saħħa mentali?

Il-firxa ta' servizzi ta' saħħa mentali pprovduti tista tvarja u għalhekk iċċekkja liema servizzi terapewtiċi huma offruti u aqbel kif se taċċesshom meta jkun hemm bżonn. Int intitolat li taċċessa servizzi tal-GP u prattikanti tas-saħħa mentali minn barra l-faċilità.

## 5 Liema attivitajiet tipprovdi?

Id-dwejjaq jista' jżid burdata baxxa u għalhekk iċċekkja jekk hemmx impjegat terapista diversjonali, kemm-il darba jattendu u jekk l-attivitajiet offruti jaqblux ma' dawk li tieħu gost tagħmel. Attività regolari, konnessjoni soċjali u li jkollok pets madwarek jistgħu wkoll inaqqsu l-ansjetà. Ir-Reviżjoni tal-Ħajja Strutturata u t-Terapija tal-Imġiba Konjittiva huma wkoll tekniċi effettivi ħafna għat-titjib tal-burdata.

## 6 Se nkun kapaċi niċċaqlaq liberament madwar il-post?

Il-postijiet li tintwera waqt l-ewwel żjara tiegħek mhumiex ser ikunu dejjem l-istess postijiet fejn ser jieħdu ħsiebek meta ser tidħol fil-faċilità. Jista' jkun hemm kmamar speċifiċi fejn persuni bi bżonnijiet ta' saħħa mentali huma akkomodati. Xi drabi dan huwa meħtieġ għas-sigurtà, iżda l-libertà tal-moviment m'għandha qatt tkun ristretta għal raġunijiet oħra, per eżempju jekk ma jkunx hemm biżżejjed impjegati.

## 7 Hemm psikologi jew ħaddiema soċjali fuq il-post?

Huma ftit il-postijiet li jimpjegaw psikologi jew ħaddiema soċjali u għalhekk jista' jkollok bżonn tħallas biex iżżur psikologi ffinanzjati privatament. Skont l-eliġibbiltà tiegħek, jista' jkun li tkun tista' titlob xi appoġġ finanzjarju*. Jekk għandek iżżur kliniċi barra mis-sit, iċċekkja jekk tridx tħallas għat-trasport u biex l-impjegati jakkumpanjawk. Jekk qed tirċievi appoġġ għas-saħħa mentali d-dar, kun żgur li dan se jkompli meta tidħol fil-kura residenzjali.

*Xi assiguraturi privati joffru benefiċċji limitati għat-trattament taħt psikologi u ħaddiema soċjali.

## 8 Għandi aċċess għal psikjatra?

Tista' tibqa' tara l-psikjatra tiegħek stess għalkemm jista' jkollok bżonn tivvjaġġa biex tarahom u għalhekk iċċekkja jekk għandekx tħallas għat-trasport u l-impjegati biex imorru miegħek. Għandu jkun hemm rabtiet mas-servizzi tas-saħħa mentali lokali u għalhekk iċċekkja wkoll kif isiru r-referenzi. Ikun hemm timijiet psikjatriċi tal-kura tal-anzjani u jistgħu jipprovdu valutazzjoni tal-ħtiġijiet tiegħek fil-faċilità. Jekk inti jew it- tobba tiegħek iħossu li għandek bżonn ta' kura aktar intensiva, tista' tiddaħħal l-isptar.

## 9 Il-familja u l-ħbieb tiegħi se jkunu involuti u appoġġjati fil-kura tiegħi?

Il-familja u l-ħbieb għandhom jiġu kkonsultati dwar l-istorja u l-preferenzi tal-kura tiegħek u jkunu involuti fil-kura tiegħek, bil-kunsens tiegħek. Iċċekkja kif l-impjegati ser iżommu lill-maħbubin tiegħek infurmati dwar il-kura tiegħek, meta jkunu jistgħu jżuru u kif jistgħu jirranġaw soġġorni miegħek matul il-lejl. Ħbieb u familja li jappoġġjawk jistgħu wkoll iħossuhom anzjużi jew dipressi. Xi faċilitajiet joffru wkoll servizzi lill-familja u lill-ħbieb, bħal gruppi ta' appoġġ għalhekk iċċekkja x'għajnuna hija pprovduta.

## 10 Kif nista' nżomm rabtiet mal-komunità lokali tiegħi?

Huwa importanti li żżomm kuntatt ma' servizzi li għandek id-dar, partikolarment jekk iż-żjara tiegħek hija temporanja. Dan jgħin lill-impjegati biex jippersonalizzaw l-kura tiegħek u jappoġġjawk b'mod xieraq. Kun żgur li l-impjegati jkunu jafu lil min għandhom jikkuntattjaw u li jirrekkordjaw dan fil-pjan tal-kura tiegħek.